# VALURI TAD-DINJA U VALURI TA' KRISTU

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija.**
**Ġer 17, 5-8**

Dan igħid il-Mulej:
Misħut il-bniedem li jittama fil-bnedmin,
li jfittex il-qawwa tiegħu fil-ġisem
u titbiegħed qalbu mill-Mulej.
Ikun bħal siġra tal-għargħar fix-xagħri,
li ma tara ebda ġid ġej,
Li tgħammar f'art tikwi fid-deżert,
art mielħa fejn ħadd ma jgħammar.
Imbierek il-bniedem li jittama fil-Mulej
u l-fiduċja tiegħu fil-Mulej.
Ikun bħal siġra ħdejn l-ilma mħawla,
li egħruqha xxenxel lejn il-wied;
Ma tibżax meta tiġi s-sħana,
il-weraq tagħha jibqa' jħaddar;
Fis-sena tan-nixfa ma tinkeddx,
u ma tehdiex milli tagħmel il-frott.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 1**
**Ħieni l-bniedem li qiegħed fil-Mulej it-tama tiegħu.**

Ħieni l-bniedem
li ma jimxix fuq il-pariri tal-ħżiena,
u ma jżommx fi triq il-ħatjin,
anqas ma joqgħod fil-laqgħat taż-żeblieħa,
imma l-għaxqa tiegħu fil-liġi tal-Mulej,
u lejl u nhar jaħseb fil-liġi tiegħu.

**R/. Ħieni l-bniedem li qiegħed fil-Mulej it-tama tiegħu.**

Hu bħal siġra mħawla ħdejn nixxigħat ta' l-ilma,
li tagħmel il-frott tagħha fi żmienha
u l-weraq tagħha ma jidbielx.
Hu jirnexxi f'kull ma jagħmel

**R/. Ħieni l-bniedem li qiegħed fil-Mulej it-tama tiegħu.**

Mhux hekk il-ħżiena, mhux hekk;
iżda huma bħal tibna
li jtajjarha r-riħ.
Għaliex triq it-tajbin il-Mulej jafha,

Imma triq il-ħżiena tintemm fix-xejn.

**R/. Ħieni l-bniedem li qiegħed fil-Mulej it-tama tiegħu.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari miull-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appoostlu**
**lill-Korintin**
**1 Kor 15, 12. 16-20**

Ħuti: Jekk Kristu hu mxandar li kien imqajjem mill-imwiet, kif igħidu xi wħud minnkom li m'hemmx qawmien tal-mejtin? Għax jekk il-mejtin ma jqumux, anqas Kristu ma kien imqajjem. U jekk Kristu ma kienx imqajjem, il-fidi tagħkom hi fiergħa, u intom għadkom fi dnubietkom. U mitlufa wkoll dawk li raqdu fi Kristu. Jekk għandna tama fi Kristu għal din il-ħajja biss, aħna l-aktar nies imsejkna fost il-bnedmin kollha. Imma Kristu kien imqajjem tassew mill-imwiet l-ewwel fost dawk li raqdu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Il-Kelma tiegħek, Mulej, hi s-sewwa;
qaddisna fis-sewwa.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa**
**Lq 6, 17. 20-26**

F'dak iż-żmien: Ġesu' niżel mat-Tnax u waqaf f'witja, flimkien ma' kotra kbira ta' dixxipli tiegħu u ġemgħa kbira ta' nies minn kull naħa tal-Lhudija u Ġerusalemm u mix-xtajta ta' Tir u
Sidon. Ġesu' refa' għajnejh lejn id-dixxipli tiegħu u qal:
"Henjin intom il-foqra, għax tagħkom hija s-Saltna ta' Alla.
Henjin intom li għalissa bil-ġuħ, għax għad tkunu mxebbgħin.
Henjin intom li għalissa tibku, għax għad tithennew.
Henjin intom meta minħabba f'Bin il-bniedem in-nies jobogħdukom, iwarrbukom minn magħhom, igħajrukom u jżebilħu l-isem tagħkom qisu kien xi ħaġa ħażina.
Ifirħu dak in-nhar, aqbżu bil-ferħ għax, ara, ħlaskom kbir fis-sema. L-istess għamlu missirijiethom lill-profeti.
Imma ħażin għalikom intom il-għonja, għax il-faraġ tagħkom ħadtuh.
Ħażin għalikom intom li bħalissa mxebbgħin, għax għad tkunu bil-ġuħ.
Ħażin għalikom intom li bħalissa tidħku, għax għad tnewħu u tibku.
Ħażin għalikom, meta kulħadd isemmikom fil-ġid. Għax l-istess għamlu missirijiethom lil-profeti foloz!''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**